HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 527**

**It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**527.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

527.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

527.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**527.2 Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

527.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li diġa kien hemm approvazzjoni għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 u żied jgħid li s-sejħa kienet reġgħet ħarġet peress illi l-kandidata magħżula kienet irrifjutat il-post. Barra minn hekk is-Sindku talab sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13 u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas u mill-Kaptan Patrick Barbara.

527.2.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-529 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku